MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## LAWRENCE QUINTANO

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2013

Numru 20/2012

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**
**Khaled Mohammed Said Naser**
**Adam Mohammed [detentur tal-karta tal-identita` numru 39262 (A)]**

**Sentenza dwar eċċezzjonijiet preliminari**

Il-Qorti

Rat l-Att tal-Akkuża Numru 20/2012 li biha l-akkuzati Khaled Mohammed Said Naser u Adam Mohammed gew akkuzati talli

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fil-lejl ta' bejn l-24 u l-25 t'Awissu tas-sena elfejn u ghaxra (2010) u matul iz-zmien ta' qabel din id-data, fl-inhawi tal-

Belt, Valletta, Msida u Birzebbugia l-akkuzati Khaled Mohammed Said Naser u Adam Mohammed kellhom fil-pussess xjenti taghhom id-droga oppju illegalment.

Illi z-zewg akkuzati kienu fl-akkwati tal-Belt fejn il-Funtana ta' Bieb il-Belt. Il-Pulizija li kienu qed josserva nnutaw lil akkuzat Khaled Mohammed Said Naser jirkeb gewwa karozza li fiha kien hemm l-akkuzat Adam Mohammed li kien ix-xuffier.

Illi sussegwentement il-pulizija saqu wara l-istess karozza u meta giet imwaqqfa gewwa l-Msida mil-pulizija, waqt tfittxija gewwa l-istess karozza, taht is-seat tal-passigier ta' quddiem instab mohbi pakkett bid-droga oppju f'ammont kbir ta' kwazi nofs kilo (498 gramma).

Illi wara z-zewg akkuzati gew arrestati wara s-sejba tad-droga oppju gewwa l-vettura li kienu fiha, sussegwentement il-pulizija ghamlu tfittxija gewwa r-residenza taghhom f'Birzebbugia. Illi z-zewg akkuzati kienu jghixu flimkien fl-istess appartament gewwa Birzebbugia. Illi gewwa l-kamra tal-banju taghhom instab mohbi pakkett bid-droga oppju f'ammont kbir ta' kwazi nofs kilo (470 gramma). Illi gewwa l-kamra tas-sodda instab ukoll l-istess sustanza illecita f'ammont ta' sitt grammi (6).

Illi l-ammont totali ta' din id-droga kienet ta' kwazi kilo (974 gramma) u ma kienitx ghal uzu esklussiv ta' l-akkuzati.

Id-droga oppju hija msemmija fit-Taqsima II li tinsab fl-Ordinanza dwar il-Medicni Perikoluzi.

Illi b'ghemilhom, l-imsemmija akkuzati Khaled Mohammed Said Naser u Adam Mohammed saru hatja talli kellhom fil-pussess taghhom d-droga oppju meta ma kienux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienux b'xi mod iehor bil-licenzja

moghtija mill-Ministru responsabbli, u ma kienux b’xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha u ma kienux awtorizzati bir-Regoli ta’ l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b’xi awtorita’ moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollhom dik id-droga fil-pussess taghom, u dik id-droga ma gietx fornita lilhom ghall-uzu taghhom skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b’dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi jakkuza lill-imsemmija Khaled Mohammed Said Naser u Adam Mohammed talli kellhom fil-pussess taghom d-droga oppju meta ma kienux fil-pussess ta’awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienux bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzati li jimmanifatturaw jew ifornu d-droga msemmija, u ma kienux b’xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollhom dik id-droga fil-pussess taghhom, u dik id-droga ma gietx fornita lilhom ghall-uzu taghom skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b’dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv taghhom; talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzati u illi jigi kkundanat ghall-piena ta’ prigunerija ghal ghomorhom u multa ta’ mhux inqas minn inqas minn elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) izda mhux izjed minn mija u sittax-il elf, erba’ mija u tmienja u sittin euro u sebgha u sittin centezmu (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern ta’ l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favor il-Gvern ta’ kull flejjes jew propjeta’ mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja skond dak li hemm u jinqtal fl-artikoli 2, 5, 6(b), 12, 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicni Perikoluzi u r-regola 9 tar-Regoli ta’ l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi (Notifikazzjoni tal-Gvern 292 ta’ l-1939) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici

Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghall-htija ta’ l-imsemmi akkuzat.

**L-eċċezzjoni tal-akkużat Khaled Mohammed Said Nasser**

Skont l-akkużat, is-sentenza fis-sitt paragrafu tal-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża, jiġifieri din li ġejja:

*‘Id-droga oppju hija msemmija fit-Taqsima li tinsab fl-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi’*

hija żbaljata u mgħandhiex tkun fl-Att tal-Akkuża u m’għandhiex issir referenza għaliha f’xi sottomissjoni.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli difensur u tal-Prosekutur fis-seduta tad-29 t’April, 2013 u reġgħet qrat it-traskrizzjoni tat-trattazzjoni.

Qrat ukoll ir-rispsota tal-Avukat Ġenerali a fol 11.

L-ewwelnett m’hemm ebda dubju li l-oppju huwa kkontrollat bil-Kap 101 kemm fl-Ewwel Taqsima tiegħu kif ukoll bit-Tieni Taqsima. Barra minn dan tlieta mit-tmien definizzjonijiet fl-artikolu 2 għandhom x’jaqsmu mal-oppju.

Id-difiża donnha aktar qed tagħfas li din is-sentenza m’għandhiex tidher għax m’għandhiex x’taqsam mal-parti narrativa.

Iżda, bħal ma tajjeb ssottomettiet il-Prosekuzzjoni waqt it-trattazzjoni, sentenzi ta’ dan it-tip huma ‘standard practice’ f’atti tal-akkuża dwar id-droga. Per eżempju, fuq akkuża ta’ traffikar jew pussess aggravat tad-droga heroijina , tidher regolarment din is-sentenza:

Illi d-droga herojina hija msemmija fit-Taqsima 1 tal-Ewwel Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi.’

Sentenzi bħal dawn m’huma jindikaw ebda piena iżda biss li l-akkużat qed jiffaċċja Kap li fih jidhru ċirkostanzi li

jmorru kontra l-Liġi. Att tal-Akkuża huwa propju ntiż għalhekk u kull parti 'narrativa' tal-Att tal-Akkuża trid tintrabat ma' xi għemil li mhux permess mil-liġi.

Għaldaqstant din il-Qorti ma hi qed tara xejn ħażin bl-inklużjoni ta' din is-sentenza fis-sitt paragrafu tal-Att tal-Akkuża.

Lanqas ma hu korrett l-akkużat meta jgħid li m'għandu jkun hemm ebda referenza għal din is-sentenza f'xi sottomissjoni.

Għaldaqsant il-Qorti qed tiċħad l-eċċezzjoni tal-akkużat.

**L-oġġezzjoni tal-Avukat Ġenerali għal xi xhieda indikati minn Adam Mohammed iben Mohammed u Fatima (a fol 16)**

Rat ukoll in-Nota tal-Avukat Ġenerali a fol 19 li biha l-Avukat Ġenerali oġġezzjoni għax-xhieda ta' Frank Ciangura u ta' Fr Savio Vella waqt is-smigħ tal-ġuri għax ma kinux involuti direttament fil-każ.

Il-Qorti fliet l-atti tal-proċess u ma jidhirx li dawn ix-xhieda huma b'xi mod ammissibbli għall-każ għax mhumiex xhieda li għandhom x'iżidu mad-dettalji li joħorġu mill-evidenza. Għalhekk qed tilqa' l-oġġezzjoni tal-Avukat Ġenerali u qed tordna biex dawn iż-żewġ xhieda ma jinstemgħux waqt il-ġuri.

Jekk għandhom jinstemgħu għal xi għan ieħor, dawn għandhom jixhdu biss **wara** li jintemm il-ġuri jekk ikun hemm il-ħtieġa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------